**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR JEAN PAUL GRECH LL.D.
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar il-Tlieta, 17 ta' Jannar 2023**

Kawza Numru: 20/2022 (JPG)

**Savio Portelli (ID 292873M)**

**vs**

**Albert Camilleri (ID 19080G)**

- **Preliminari**

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-attur ipprezentat fis-19 ta' Lulju 2022 fejn ippremetta : -

Peress illi Savio Portelli ta' the Catering Centre, Fortunato Mizzi Street, Victoria Ghawdex filwaqt bil-karta tal-identita' numru 292873 (G) huwa kreditur tal-intimat Albert Camilleri fl-ammont ta' elfejn sitt mija u disgha u sittin Euro u hamsa u hamsin centezmi (€2669.55) rapprezentanti dan il-bilanc materjal mibjugh lilu u dan kif ahjar specifikat mil-kont hawn anness u mmarkat Dok A, liema bejgh sar fil-perjodu bejn April 2019 u Awwissu 2019.

Illi interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut permezz ta' ittra legali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu elfejn u ghoxrin (2020) kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artiklu 166A, ittra numru 141/2021, l-intimat baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant ir-rikkorent jitlob bir-rispett lit-Tribunal sabiex;

Jiddikjara li l-intimat huwa debitur fil-konfront tieghu fl-ammont ta elfejn sitt mija u disgha u sittin euro u hamsa u hamsin centezmi (€2669.55), rapprezentanti bejgh ta' materjal fornit lilu;

Tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn sitt mija u disgha u sittin euro u hamsa u hamsin centezmi (€2669.55).

Bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli skont il-ligi, u l-ispejjez kollha kontra l-istess intimat

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-disgħa (9) ta' Novembru 2022 fejn dan wieġeb: -

Illi l-esponenti jissottometti illi fil-fatt huwa kien ghadda pagament permezz ta' cekk permezz ta' ittra datata 19 ta' Awwissu, 2020 fl-ammont ta' elfejn hames mija sebgha u erbghin euro u sittin centezmi (€2547.60), liema pagament kien gie rikonoxxut mill-attur permezz ta' ittra tieghu tal-25 t'Awwissu, 2020;

Illi permezz tal-ittra tieghu hawn imsemmija tal-25 t-Awwissu, 2020 huwa indika li ser isarraf l-imsemmi cekk, tant huwa hekk li dan ic-cekk qatt u fl-ebda mument ma gie ritornat lura lill-esponenti;

Illi jekk xejn l-uniku ammont in kontestazzjoni kien fuq id-differenza ta' mija wiehed u ghoxrin euro u hamsa u disghin centezmu (€121.95) u dan stante li hekk kif spjegat aktar 'il fuq, il-pagament kien gie mghoddi lill-attur u kien biss nuqqas da parti tal-attur li dan il-pagament ma giex msarraf, kuntrarjament ghal dak li l-attur kien issottometta permezz tal-ittra tieghu;

Illi fir-rigward tal-kumplament u cioe' l-ammont in kontestazzjoni, hekk kif imsemmi ta' mija wiehed u ghoxrin euro u hamsa u disghin centezmu (€121.95), dawn ma humiex dovuti stante li fil-fatt il-*fish display* baqghet qatt ma trangat u fil-fatt ghadha mhux funzjonanti sa llum il-gurnata;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
Ra l-atti kollha tal-process inkluz id-dokumenti kollha prezentati;

Sema' x-xhieda imressqa mill-partijiet;

Ikkunsidra;

- **Rijassunt tax-Xhieda Imressqa**

**Savio Portelli** xehed li huwa għandu ħanut li fih ibiegħ appliances lil dawk li huma involuti fin-negozju tal-catering. Spjega li Albert Camilleri taz-Zafiro Restaurant xtara mingħandu display fridge fl-2018. Wara li għaddiet is-sena garanzija li kien hemm fuqha, Camilleri għamel kuntatt miegħu u qallu li l-friġġ ma kinitx qed taħdem. Spjega li meta zviluppat din il-ħsara, Portelli talab biss lil Camilleri l-ħlas tal-parts u mhux tal-labour. Din il-part kienet tiswa madwar mitt ewro (€ 100). Il-kumplament tal-ammont li kien dovut minn Camilleri kienu *disposables*. Kompla jgħid li wara xi zmien Camilleri bagħtlu cekk li kien ikopri biss id-*disposables* u ma kienx ikopri l-ammont li kien dovut għat-tiswija tal-fridge. Ic-cekk huwa ma sarrfux għax qisu li kien rikatt da parti ta' Camilleri.

**In kontro-ezami**, meta mistoqsi x'kien għamel wara li rcieva c-cekk ix-xhud qal li jaħseb li kien ikkuntattja lil Camilleri b'xi ittra imma ma kienx cert minn dan. Portelli ġie mistoqsi wkoll għalfejn baqa' ma sarrafx ic-cekk meta fl-ittra tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awissu 2020 huwa kien informa lil Camilleri li huwa kien sejjer isarraf ic-cekk u jqisu bħala part payment. Huwa wieġeb li dak il-ħin ħaseb li jkun aħjar jekk dan ic-cekk ma jissarrafx.

**Fil-kontro-ezami ulterjuri** li sarlu fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Dicembru 2022, Savio Portelli ikkonferma li kien hemm problemi fuq id-display fridge u li huwa ipprova kemm jista' jkun jirranġa kif jagħmel ma' kullħadd. Mistoqsi għalfejn ma kienx sarraf ic-cekk li kien intbagħat lilu kif kien qal li se jagħmel, ix-xhud wieġeb li ma sarrfux għax l-ammont fic-cekk ma kienx jaqbel ma' dak li kien qed jitlob hu. Qal wkoll li ma kienx sarrfu għax ħass li kien rikatt. B'riferenza għall-*invoices* li kienu ġew prezentati, l-attur ġie mistoqsi għalfejn l-invoices kollha kienu iffirmati minabbara waħda. Huwa wieġeb li dik ma kinitx iffirmata għaliex kienet intbagħtet permezz ta' email.

**Albert Camilleri** xehed darbtejn: l-ewwel darba xehed in subizzjoni fis-seduta tad-disgħa (9) ta' Novembru 2022. Camilleri ikkonferma li kellu invoice tad-*disposables* li kienet għadha pendenti. Ix-xhud spjega li mill-istatement li kien intbagħtlu huwa ma kienx accetta l-ammont ta' € 121 li kien il-labour cost tat-tiswija tal-fridge display. Qal li oriġinarjament kienu bagħtulu anke l-ispiza tal-kumpressur. Pero imbagħad dan kienu neħħewh mill-kont u ħallew biss il-labour. Pero huwa xorta ma accettax li jħallas dan l-ammont. Ix-xhud ikkonferma li l-ittra ufficjali kien rcevieha wara li huwa kien bagħat ic-cekk. Ikkonferma wkoll li l-ittra ufficjali li kienet intbagħtitlu, huwa ikkontestaha fl-interita tagħha. Camilleri qal li huwa ma kellux problema jħallas l-ammont ta' elfejn ħames mija u sebgħa u erbgħin ewro (€ 2,547), tant li bagħat ic-cekk. Mistoqsi jekk dan l-ammont kienx iddepositah il-Qorti, Camilleri wieġeb li huwa kien għaddieh direttament lil Portelli, liema cekk pero baqa' ma ssarrafx.

Fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Dicembru 2022 Camilleri reġa' xehed għal darba oħra fejn beda jispjega li f'Ġunju 2018 huwa xtara fridge display mingħand il-Catering Centre. Din mill-ewwel bdiet bil-problemi għaliex wara ftit xhur ma baqgħetx tkessaħ. Kompla jgħid li Portelli kien bagħat it-technicians tiegħu diversi drabi. Camilleri kompla jgħid li

imbagħad f'Lulju 2019, il-fridge waqfet taħdem. Il-fridge inġabret u ġiet ritornata ftit gimgħat wara. Wara ftit ġranet huwa rcieva *invoice* rapprezentanti l-ammont dovut għat-tiswijiet li kienu saru fuqha. Camilleri ikkontesta din l-*invoice* u Portelli neħħa l-prezz tal-parts u talbu biss tal-labour li kien jammonta għal € 122.45. Wara ftit ġimgħat din il-fridge reġgħet waqfet taħdem. F'Awissu 2020, Camilleri qal li lill-attur bagħtlu c-cekk bil-pagament tax-xogħol l-ieħor li kellu pendenti pero ma inkludiex l-ammont tax-xogħol għat-tiswija tal-fridge. Minn dakinhar 'l hawn in-negozju ta' bejniethom waqaf. Wara li huwa bagħat ic-cekk lil Portelli, Portelli kien kitiblu lura tramite l-Avukat tiegħu fejn infurmah li c-cekk kien sejjer jiġi imsarraf fuq bazi ta' part payment. B'riferenza għad-dokument li kien ipprezenta Portelli aktar qabel fis-seduta, Camilleri indika li l-invoice li m'hemmx iffirmata tirreferi għal-labour li kien sar fuq il-fish display.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud ikkonferma li l-invoice tal-labour fuq il-fish display kien ircevieha. Għall-precizjoni qal li huwa l-ewwel rcieva l-istatement. Fih kien hemm indikat l-ammont ta' din l-invoice u din kienu bagħtuhielu fuq talba tiegħu stess. Rigward l-ittra li huwa kien bagħat lil Catering Centre, ix-xhud spjega li fl-ittra huwa kien bagħat il-pagament dovut u reġa' ġibed wkoll l-attenzjoni għall-problemi bil-fish display. Mistoqsi jekk ix-xogħol fuq il-fridge sarx wara li kienet għalqet il-garanzija, ix-xhud wieġeb li waqt li kien għadu għaddej it-terminu tal-garanzija, kienu inqalgħu problemi b'din il-fridge. Camilleri ikkonferma li huwa ma kienx lest li jħallas tal-fish display izda kien se jħallas l-ammont l-ieħor. Ix-xhud insista li ma setax jkun li huwa xtara fridge li kienet tiswa fuq elfejn ewro li spiccat ma ħadmitx sew u li spicca kellu jarmi l-affarijiet minn ġo fiha.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet Fattwali</u>**

Ikkunsidra:

Minn ezami tal-atti processwali huwa car li l-konvenut qiegħed jaqbel li l-ammont ta' elfejn ħames mija u sebgħa u erbgħin ewro u għaxar centezmi (€ 2,547.10) huwa dovut lill-attur u mhux jikkontesta dan l-ammont. Infatti l-konvenut kien anke ipprova jħallas dan l-ammont lill-attur b'cekk fid-19 ta' Awissu 2020, liema cekk ġie esebit mill-attur tul dawn il-proceduri. Kemm fir-risposta tiegħu għall-avviz tat-talba kif wkoll tul is-smiegħ ta' dawn il-proceduri, l-konvenut reġa' ikkonferma li dan l-ammont huwa dovut u li huwa dispost li jħallas tali ammont. **<u>Dan prattikament jammonta għall-ammissjoni da parti tal-konvenut li l-ammont ta' € 2,547.10 huwa dovut lill-attur.</u>**

Il-pendenza bejn il-partijiet hija għalhekk fuq l-ammont ta' mija u tnejn u għoxrin ewro u ħamsa u erbgħin centezmu (€ 122.45) li jirraprezenta l-valur tax-xogħol ta' tiswija li sar fuq il-fish display li l-konvenut kien xtara mill-ħanut tal-attur. L-attur jsostni li dan l-ammont huwa dovut lilu għaliex il-fish display fridge ma kinitx għadha koperta bil-garanzija filwaqt li l-konvenut isostni li l-fish display fridge bdiet bil-problemi sa minn meta kienet għadha bil-garanzija.

It-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda mogħtija miz-zewġ partijiet. Jidher li hemm qbil bejniethom li l-problemi f'din il-fridge bdew meta kien għadu għaddej it-terminu ta' garanzija ta' sena. Infatti fil-kontro-ezami li sarlu fl-erbatax (14) ta' Dicembru 2022, l-attur jaqbel li kien hemm il-problemi f'din il-fridge display u li hu kien ipprova jirranġa:

> *"Avukat Dottor Joshua Grech: Mela Sur Portelli, int smajt lis-sur Camilleri jixhed. Tikkonferma, taqbel, li l-hsara li qal hu, it-tgergir fuq il-fish display beda f'Gunju, Lulju tal-2019?*
>
> *Xhud: Jien gejt notifikat nahseb ftit ezatt ha nghidu onestament gejt notifikat ezatt xi three weeks li ghaddiet il-garanzija. Imma in the meantime gieli, jien miniex technician. It-technicians tieghi. Dik kellha pipe u ried jitnaddaf, mhux ghax ma kellha xejn ta' barra minn hawn, u dan limbierek pipe bil-fluff tal-hut jidhol go fih u allura l-kumpressur jaqtgha. Mhux ghax kien hemm damage ta' barra minn hawn. Imma jien minn naha tieghi kont inqabbad lit-technician u nghidlu mur ara x'hemm. U jnaddaf dan l-imbierek pipe u jerga jitlaq. Jigifieri –*
>
> *Avukat Dottor Joshua Grech: Imma taqbel li fuq din id-display –*
>
> ***Xhud: Certu affarijiet naqblu.***
>
> ***Avukat Dottor Joshua Grech: Kien hemm problemi***
>
> ***Xhud: Provajt insolvihom jien, bhal ma' taghmel ghal kulhadd." (Enfazi tat-Tribunal)***

Għalkemm jidher li x-xogħol li tiegħu qed jirreklama ħlas l-attur sar wara li kien skada t-terminu tal-garanzija, it-Tribunal ma jistax b'konvinzjoni jasal għall-konkluzjoni li l-intervent li kien bzonn fuq din il-fridge display wara li kien għalaq it-terminu tal-garanzija u li tiegħu l-attur qed jitlob il-ħlas ma kienx relatat mal-problemi li kienu ezistenti qabel u li tfaccaw waqt li kien għadu għaddej it-terminu tal-garanzija. La darba l-attur kien qed jirreklama dan il-ħlas, kien jinkombi fuqu li huwa jġib il-prova biex jindika li l-problemi li zviluppaw fil-fridge u li kienu jirrikjedu l-bdil tal-kompressur kienu għal kollox indipendenti mill-problemi li kien hemm qabel fl-istess fridge u li kienu irrikjedew l-intervent tat-technicians tal-attur. It-technician li mar ibiddel il-kompressur ma xehedx f'dawn il-proceduri u għalhekk il-prova li t-tibdil tal-kompressur ma kienx relatat mal-problemi li kienu zviluppaw qabel fil-fridge display baqgħet ma saritx. Anzi l-konvenut isostni li l-

fridge reġgħet zviluppat il-ħsara anke wara dan l-intervent. Dan huwa wkoll konfermat fl-ittra tiegħu tad-dsatax (19) ta' Awissu 2020 fejn il-konvenut kien talab li din il-fridge li huwa kien xtara tinbidel. Għalhekk it-Tribunal ma jemminx li jkun ġust u ekwu li l-konvenut jiġi ordnat jagħmel tajjeb u jħallas r-rimanenti ammont ta' € 122.45 reklamat mill-attur. It-Tribunal ma jistax jidħol fuq il-kwistjoni dwar il-bdil o meno tal-fridge display. Dan kemm għaliex m'hemm l-ebda kontro-talba f'dan is-sens u fi kwalunkwe kaz tali materja tmur lil hinn mill-kompetenza li għandu dan it-Tribunal.

- **<u>Imgħaxxijiet u Spejjez Legali</u>**

Rigward l-imgħaxxijiet, it-Tribunal iqis li minkejja li t-transazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet waħda ta' natura kummercjali, xorta l-interessi fuq l-ammont ta' € 2,547.10 m'għandhomx jiddekorru mid-data tad-diversi invoices tal-merkanzija li ġiet supplita mill-attur lill-konvenut fuq talba tal-istess konvenut. Dan għaliex l-konvenut fid-dsatax (19) ta' Awissu 2020 kien bagħat cekk biex ikopri l-ħlas ta' dan l-ammont. L-attur pero baqa' ma sarrafx dan ic-cekk. It-Tribunal jinnota li l-attur seta' facilment sarraf dan ic-cekk taħt protest filwaqt li zamm ferm il-pretensjonijiet tiegħu għar-rimanenti ammont li kien qed jippretendi. Jew inkella jekk ma kienx qed jaccetta l-ħlas messu bagħat lura c-cekk immedjatament lill-konvenut u mhux zammu għandu.

It-Tribunal iqis li l-imgħaxxijiet pero għandhom jibdew jiddekorru mid-data tad-dsatax (19) ta' Jannar 2022. Għalkemm fl-ittra ufficjali l-konvenut kien intalab il-ħlas ta' € 2,669.55, ma kien hemm xejn xi izomm lill-konvenut – anke in vista wkoll li sa dak iz-zmien l-konvenut kien jaf li c-cekk li huwa kien ħareġ u ikkonsenja lill-attur kien skada mingħajr ma ġie imsarraf – milli huwa jiddeposita fir-Reġistru tal-Qorti l-ammont li l-istess konvenut kien qed jirrikonoxxi li huwa dovut lill-attur. Dan biex l-konvenut jkun attwa l-obbligu tiegħu u jezimi ruħu minn kull responsabbilita ulterjuri. Dan il-konvenut m'għamlux; anzi fl-ittra ufficjali huwa ikkontesta l-ammont fl-interita tiegħu. Il-konvenut lanqas baqa' m'għamel id-depositu tal-ammont ta' € 2,547.10 meta rinfaccjat b'dawn il-proceduri li ġew intavolati seba' xhur wara t-talba ufficjali għall-ħlas li kienet saret lilu. It-Tribunal iqis li l-konvenut kellu zmien bizzejjed biex huwa jagħmel tali depositu. Fid-19 ta' Jannar 2022, il-konvenut ma kellux mod jiddubita li l-attur ma kienx accetta l-ħlas u li ma kien għad baqa' l-ebda possibilita li l-attur jsarraf ic-cekk li kien intbagħtlu. Dan għaliex l-interpellazzjoni fl-ittra ufficjali kienet għall-ammont intier u mhux għall-bilanc ta' € 122.45. La darba l-konvenut iddecieda li ma jagħmilx tali depositu fir-Reġistru tal-Qorti, huwa għandu jbati l-konsegwenzi ta' dik id-decizjoni tiegħu.

Għall-istess raġunjiet hawn fuq esposti, it-Tribunal jemmen wkoll li l-konvenut għandu jbati l-maġġior parti tal-ispejjez relatati ma' dawn il-proceduri. Min-naħa tiegħu l-attur wkoll għandu jerfa' parti zgħira mill-ispejjez ta' din il-kawza stante li t-talba tiegħu mhux sejjer tintlaqa' fl-intier tagħha.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi:

(a) jiċħad l-eccezzjonijiet tal-konvenut sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza;

(b) jilqa' limitatament l-ewwel talba tal-attur u jiddikjara li l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-attur fl-ammont ta' **<u>elfejn ħames mija u sebgħa u erbgħin ewro u għaxar centezmi (€ 2,547.10);</u>**

(c) jilqa' limitatament it-tieni talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur l-ammont ta' **<u>elfejn ħames mija u sebgħa u erbgħin ewro u għaxar centezmi (€ 2,547.10)</u>**.

Bl-imgħaxxijiet bir-rata ta' tmienja (8) fil-mija fis-sena dekorribbli mid-data tad-dsatax (19) ta' Jannar 2022 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-prezenti istanza għandhom jkunu kwantu għal disa' partijiet minn għaxra (9/10) a karigu tal-konvenut u in kwantu għal parti minn għaxra (1/10) a karigu tal-attur.

(ft.) Dr Jean Paul Grech LL.D
Gudikant

(ft.) Rebekah Mizzi
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur